## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 270/2019: **NO DEPOSIT CARS MALTA LIMITED (C85780) V. CARLOS BUTTIGIEG (KI. 410993M)**

(L-EFFETT TAL-KUNDIZZJONI RIŻOLUTTIVA FIL-KUNTRATTI – KAP. 16, ART. 1067 – DRITT LI L-KREDITUR JITLOB LI TIĠI EŻEGWITA L-OBBLIGAZZJONI MINFLOK IR-REXISSJONI TAL-KUNTRATT– KAP. 16, ART. 1069(1) – IX-XOLJIMENT TA' KUNTRATT GĦANDU DEJJEM JIĠI PPRONUNZJAT MILL-QORTI ANKE JEKK DAN IKUN ESPRESSAMENT PATTWIT IPSO JURE FIL-FTEHIM)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' No Deposit Cars Malta Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu talbet lil Carlos Buttigieg ("l-intimat") sabiex jgħid għaliex m'għandhux ikun ikkundannat mill-Qorti:

**tħallas l-ammont ta' Disat elef, erba' mija u erbghin Ewro (€9,440.00) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, liema ammont hu rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura Toyota Yaris A/T targata ICC 071, liema vettura ġiet akkwistata minnek permezz ta' kuntratt 'hire and purchase' bejn il-partijiet datat ħamsa (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn anness).**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fil-21 ta' Lulju 2020[1] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

1. Illi **fl-ewwel lok** qed tiġi eċċepita l-kawża illeċita ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol 13

2. Illi **fit-tieni lok,** jiġi eċċepit illi s-somma reklamata mhux dovuta stante illi s-soċjeta' attriċi ħadet lura l-istess vettura mertu ta' dina l-kawża u fi kwalunkwe każ is-soċjeta attriċi setgħet eżerċitat ir-rifjut billi tiddepożita l-istess permezz ta' ċedola fir-reġistru ta' dina l-Onorabbli Qorti;

3. Illi **fit-tielet lok** u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet attriċi hija llegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali mhux ġusta ai termini tal-Artikolu 51B tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi **fir-raba' lok** u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-iskrittura li fuqha huma msejsin il-pretensjonijiet attriċi hija llegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali qarrieqa ai termini tal-Artikolu 51C u 51D tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi **fil-ħames lok** u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi l-iskrittura li fuqha huma msejsa il-pretensjonijiet attriċi hija llegali stante li tikkostitwixxi prattika kummerċjali aggressiva ai termini tal-Artikolu 51E tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi **fis-sitt lok** u mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'referenza għat-talbiet attriċi kollha, dawn huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqq illi jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

7. Illi **fis-seba' lok** u mingħajr preħuddana stante illi s-soċjeta attriċi ma indikatx x'għamlet bil-vettura mertu tal-kawża, il-konvenut qiegħed minn issa jirriserva li jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri hekk kif rappreżentant tas-soċjeta attriċi jipprovdi din l-informazzjoni bil-ġurament;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

wara li semgħet ix-xhieda u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat l-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali li saret bil-fomm għan-nom:

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Ryan Bezzina

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Il-fatti tal-każ

1. Fit-30 ta' Marzu 2019 il-partijiet laħqu ftehim li permezz tiegħu *inter alia* l-intimat akkwista mingħand il-kumpanija rikorrenti taħt titolu ta' *hire purchase* vettura tal-għamla "Toyota Yaris" bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 071 għall-prezz ta' € 9,600 pagabbli f'pagamenti mensili u ugwali ta' €160 kull wieħed fit-tletin (30) ġurnata ta' kull xahar. Inħarġu ukoll sett ta' sittin kambjala li jkopru dawn il-pagamenti mensili. L-intimat għamel l-ewwel pagament ta' €160 dakinhar tal-kuntratt.[2]

2. Skond il-kumpanija rikorrenti, il-vettura ġiet magħżulha mill-intimat innifsu li ingħata ukoll l-opportunita' li jispezzjonaha u jekk irid jagħmel *test-drive*. L-intimat wettaq din l-ispezzjoni kemm minn barra u kif ukoll minn ġewwa u kien sodisfatt biha.[3] Skond ir-rikorrenti ukoll it-termini tal-kuntratt ġew spjegati lill-intimat flimkien mal-*payment schedule* annessa miegħu. L-intimat spjegawlu illi r-rikorrenti tibqa' sid il-vettura sakemm din titħallas kollha u li f'każ li jonqos milli jonora l-obbligi tiegħu ta' ħlas ir-rikorrenti kellha d-dritt li tirkupra l-vettura u tmexxi għall-ħlas tal-bilanċ skond klawsola 7.2 tal-kuntratt.[4]

3. Skond l-intimat, Luke Milton (*Manager* u direttur tar-rikorrenti) kien qallu li l-vettura ssir tiegħu appena jiffirma l-kuntratt u ma' qallux li l-vettura ma' kienetx ser iddur fuq ismu imma tibqa' f'isem ir-rikorrenti. Xehed pero illi meta staqsieh għall-*logbook,* l-istess Milton qallu li dan jieħdu meta l-karozza titħallas kollha. L-intimat spjega ukoll illi huwa ma' jifhimx bl-Ingliż u li meta staqsa lil Milton dwar x'jgħid l-istess kuntratt dan qallu biss illi kien hemm xi termini u kundizzjonijiet dwar kif ser iħallas il-prezz.

4. Skond ir-rikorrenti, ftit taż-żmien wara li ffirma l-kuntratt, l-intimat kien infurmahom li kienet żviluppatlu problema fil-*gearbox.* Fuq struzzjonijiet tar-

---

[2] Xhieda ta' Luke Milton a fol 28
[3] *Ibid.*
[4] Xhieda ta' Thorne Mangion a fol 53

rikorrenti, l-intimat ħa l-vettura għandha għat-tiswijiet u filfatt dawn saru u l-vettura ġiet miġbura lura mill-intimat. It-tiswijiet, li kienu ta' natura minuri, saru fil-*gear box actuator* u l-problema in kwistjoni kienet waħda komuni ħafna f'vetturi li jkollhom *semi-automatic gearboxes*. [5] Qabel ma' ngħatat lura, l-vettura ġiet spezzjonata għal kwalunkwe difett ieħor mill-mechanic Conrad Bezzina u nstabet illi kienet fi stat tajjeb, funzjonanti u mingħajr ebda difetti.[6]

5. Min-naħa tiegħu l-intimat xehed illi erbat ijiem wara li xtara l-vettura, din bdiet tinqatalu *free* fit-triq u kien ikollu jitfiha u jerġa jixgħelha. Din irrepetiet ruħha diversi drabi u f'ġurnata kienet tieqaflu mill-inqas ħmistax-il darba. Meta ħadha għand *mechanic* dan qallu li kellu problema serja fil-*gearbox* li ser tiġi tiswilu mill-inqas elf euro biex tissewwa. Meta mar biha għand ir-rikorrenti, Luke Milton qallu li l-vettura kienet responsabilita' tiegħu ġaladarba kienet tiegħu u heddu li jfittxu l-Qorti f'każ illi jwaqqaf il-pagamenti. Wara li għamel jiem jissikka lil Milton eventwalment dan qallu biex jieħu l-vettura fis-*showroom* sabiex tissewwa u l-intimat għamel hekk. Skond l-intimat Milton ċempillu wara xi żmien biex jinfurmah illi t-tiswijiet kienu ser jieħdu fit-tul u li allura l-aħjar kien li jinsiha u jieħu vettura oħra minflok, xi ħaġa li ma' kienetx aċċettabbli għall-intimat tant li rrifjutaha. L-intimat spjega li meta ġara dan l-istess Milton qallu illi allura kienu ser jiltaqgħu l-Qorti fejn kien ser jagħmillu sekwestru. L-intimat jilmenta mill-fatt illi huwa ġie ingannat u li r-rikorrenti qed titlob il-ħlas ta' vettura li għandha difetti kbar u li baqgħet għand ir-rikorrenti għal tlett snin sħaħ. Jgħid ukoll illi huwa ra l-vettura fit-triq ipparkjata ġewwa ż-Żejtun.

6. Skond ir-rikorrenti, apparti l-pagament li għamel fil-ġurnata li ffirma l-kuntratt, l-intimat baqa' ma' ħallas xejn iżjed. Minkejja li kemm Luke Milton u kemm Thorne Mangion kienu jċemplulu sabiex jonora l-pagamenti, dan baqa' inadempjenti minkejja diversi wegħdi li ser jmur iħallas.[7] Darba infurmahom ukoll li kellu xi problemi finanzjarji.[8] Wara diversi xhur li matulhom l-intimat kien juża l-vettura, darba minnhom dan irritornaha minn rajh ġewwa s-*showroom* tar-rikorrenti f'Ħal Luqa. Huwa qallhom illi ma' kellux bżonn iżjed il-vettura għax kien siefer barra minn Malta fuq xogħol. Qatt ma' semmielhom li din kellha xi problemi jew difetti.

---

[5] Xhieda ta' Luke Milton a fol 28 kif ikkonfermata fis-sustanza mill-mechanic Conrad Bezzina a fol 56
[6] A fol 56
[7] Xhieda ta' Luke Milton a fol 29
[8] Xhieda ta' Thorne Mangion a fol 54

7. Ir-rikorrenti kkonfermat ukoll illi l-vettura għadha fil-pussess tagħha sal-ġurnata tal-lum u l-bilanċ dovut huwa dak ta’ **€9,440**.[9] Ġie ikkonfermat ukoll illi fil-frattemp il-vettura ma’ nkrietx lil terzi.[10]

**Konsiderazzjonijiet**

*L-eċċezzjonijiet tal-intimati – l-ewwel eċċezzjoni*

8. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-intimat jgħid illi li l-kuntratt kien afflit minn kawża lleċita ai termini tal-Art. 990 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> **« 990. Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku. »**

Inoltre l-Art. 987 jipprovdi kif ġej:

> **« 987.L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m’għandha ebda effett. »**

9. Kif ġie kkwotat riċentament mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Concetta Caruana v. John Camilleri et.** (PA, 14/07/2022, 158/2021 TA):

> *« Fir-rigward ta’ dak li jddisponi l-Kodiċi Ċivili b’referenza għall-kawża illeċita dawn il-Qrati jispjegaw hekk: "L-Art. 990 tal-Kap 16 jiddefinixxi ‘kawza illecita’ bhala dik li ‘hija pprojbita milligi jew kuntrarja ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku.’ Din id-definizzjoni hija wahda wiesgha hafna u hija intiza biex tinkludi dak kollu li huwa pprojbit mill-ligi u kontra l-interess tas-socjeta`. Huwa f’idejn il-Qorti li tiddeciedi jekk kawza partikolari hiex illecita jew le. Fil-kawza Rosario Borg v. Carmela Portelli. l-Qorti (Imhallef E. Ganado J). iddecieda li: "... dina hija kwistjoni unikament ta' fatt illi ghandha tkun ezaminata minghand il-gudikant f'kull kaz specifiku skond ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz; ..." (Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell [Superjuri] Seduta tad-29 ta' Frar, 2008 Appell Ċivili, fl-ismijiet Mario u Mary konjuġi Borġ -vs- Naħla Limited). »*

10. Il-Qorti tinnota li f’din il-kawża l-intimat ma’ ressaq **l-ebda provi** għajr għall-affidavit tiegħu ta’ żewġ faċċati u nofs. Minn dan l-affidavit ma’ joħroġ xejn dwar l-allegat *causa illeċita* meta l-oneru kien jinkombi fuqu sabiex jipprovdi provi univoċi u konklussivi dwar din l-eċċezzjoni. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

[9] Xhieda ta’ Luke Milton a fol 30
[10] Xhieda ta’ Thorme Mangion a fol 57A

*L-eċċezzjonijiet tal-intimati – it-tieni eċċezzjoni*

11. It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens illi skond l-intimat l-ebda ammont ma' jista' jkun dovut lir-rikorrenti ġaladarba din ħadet lura l-vettura in kwistjoni u għażlet li ma' teżerċitax id-dritt ta' rifjut billi tiddepożita l-vettura taħt l-awtorita' tal-Qorti.

12. Mill-provi prodotti l-Qorti tara li l-bejgħ tal-vettura ġie perfezzjonat ai termini tal-liġi, fis-sens illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet fuq il-ħaġa u fuq il-prezz[11]. Naturalment stante illi dan huwa kuntratt ta' *hire-purchase,* il-bejgħ ġie suġġett għall-*pactum reservati dominii*, xi ħaġa li hija prattika normali meta l-ħlas tal-prezz ikun ser isir bin-nofs. Ċio nonostante il-bejgħ xorta waħda ġie finalizzat fid-data tal-ftehim. Dan japplika minkejja illi l-partijiet fil-kuntratt użaw it-termini "*Owner*" u "*Hirer*" biex jiddeskrivu lilhom nfushom. M'huwiex il-każ, kif implika l-intimat fl-affidavit tiegħu, illi huwa kien qiegħed jikri l-vettura in kwistjoni.

13. Ġie ppruvat ukoll sal-grad rikjest mill-liġi illi r-rikorrenti tħallset is-somma ta' €160 dakinhar tal-kuntratt u li l-intimat ma' għamilx pagamenti oħra. Issa skond klawsola 7 tal-kuntratt[12]:

> **« 7.DEFAULT, TERMINATION AND WITHDRAWAL**
>
> **1. Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law, the parties agree that in case of:**
>
> **1.(sic!) Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to effect payment;**
>
> **2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer:**
>
> **the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.**
>
> **2. (sic!) The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore the Owner shall be entitled to claim the difference between**

---

[11] Kap. 16, Art. 1347
[12] Fol 2-4

**the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the Price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued. »**

14. Meta l-intimat waqaf jagħmel il-pagamenti mensili, huwa għalhekk tilef il-benefiċċju taż-żmien u l-kumpanija rikorrenti , kif kellha kull dritt tagħmel, talbitu jħallas il-bilanċ sħiħ. Meta l-intimat baqa' ma' ħallasx, avverat ruħha kundizzjoni riżoluttiva espressa fis-sens illi apparti t-terminazzjoni *ipso jure* tal-kuntratt (liema terminazzjoni pero xorta waħda teħtieġ l-aċċertament ġudizzjarju tal-Qorti), skatta d-dritt tar-rikorrenti li **titlob ukoll il-pussess lura tal-vettura** mingħand l-intimat. Inoltre r-rikorrenti ġiet intitolata ukoll (**iżda mhux obbligata**) li tbiegħ il-vettura u titlob id-differenza fir-rikavat mingħand l-intimat. Mill-provi rriżulta però illi l-vettura baqgħet ma' nbiegħetx u li għada fil-pussess tal-kumpanija rikorrenti.

15. Għalhekk ir-rikorrenti kellha kull dritt li tieħu lura l-pussess tal-vettura u fl-istess ħin titlob il-ħlas tal-bilanċ dovut lilha **salv dak li ser jingħad iżjed 'l quddiem f'din is-sentenza.**

*L-eċċezzjonijiet tal-intimati – it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet*

16. It-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet huma fis-sens illi l-kuntratt huwa wieħed illegali għaliex jikkostitwixi prattika kummerċjali mhux ġusta (Art. 51B tal-Kap. 378), prattika kummerċjali qarrieqa (Art. 51C u 51D tal-Kap. 378) u prattika kummerċjali aggressiva (Art. 51E tal-Kap. 378).

17. L-artikli invokati mill-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur) jipprovdu kif ġej:

**« 51B.(1) Il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti għandhom ikunu projbiti.**

**(2) Prattika kummerċjali tkun mhux ġusta jekk:**

**(a) tmur kontra l-ħtiġiet tad-diliġenza professjonali, u**

**(b) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista' toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata, jew tal-membru medju tal-grupp meta xi prattika kummerċjali tkun diretta lejn grupp partikolari ta' konsumaturi: Iżda, barra minn prattiċi ta' reklamar ta' stqarrijiet eżaġerati jew stqarrijiet li mhumiex intiżi sabiex jittieħdu litteralment, prattiċi kummerċjali li x'aktarx joħolqu distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika biss ta' grupp identifikabbli b'mod ċar ta' konsumaturi li huma partikolarment vulnerabbli għall-prattika jew għall-prodott li għalih din tirreferi minħabba fil-mard mentali jew fiżiku, l-età jew il-kredulità tagħhom b'mod li l-kummerċjant jista'**

raġonevolment ikun mistenni li jipprevedi, għandhom jiġu eżaminati mill-perspettiva ta' membru medju ta' dak il-grupp.

(3) B'mod partikolari, tkun mhux ġusta, prattika kummerċjali li tqarraq kif stabbilit fl-artikoli 51Ċ u 51D, jew aggressiva skont it-termini tal-artikolu 51E.

(4) Dawk il-prattiċi kummerċjali imniżżla fl-Ewwel Skeda għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala mhux ġusti.

51Ċ.Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk:

(a) ikun fiha tagħrif falz; jew

(b) b'xi mod, ukoll bil-preżentazzjoni totali tagħha,tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra:

(i) l-eżistenza jew in-natura tal-prodott;
(ii) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, bħad-disponibbiltà, il-benefiċċji, ir-riskji, l-eżekuzzjoni, il-kompożizzjoni, l-aċċessorji, l-assistenza ta' wara l-bejgħ għall-konsumatur u t-trattament ta' ilmenti, il-metodi u d-data ta'manifattura jew tal-provvista, il-kunsinna, l-idoneità għall-għan, l-użu, il-kwantità, l-ispeċifikazzjoni, l-oriġini ġeografika jew kummerċjali jew ir-riżultati li wieħed jistenna mill-użu tiegħu, jew ir-riżultati u l-karatteristiċi importanti ta' eżamijiet jew kontrolli magħmula tal-prodott;
(iii) il-firxa tal-impenji min-naħa tal-kummerċjant/a,l-għanijiet għall-prattika kummerċjali u n-natura tal-proċess tal-bejgħ, kwalunkwe stqarrija jew simbolu fir-rigward ta' sponsorizzazzjoni diretta jew indiretta jew approvazzjoni tal-kummerċjant/a jew tal-prodott;
(iv) il-prezz jew il-mod kif il-prezz huwa kalkolat,jew l-eżistenza ta' vantaġġ speċifiku fil-prezz;
(v) il-bżonn ta' servizz, parti, sostituzzjoni jew tiswija;
(vi) in-natura, l-attributi u d-drittijiet tal-kummerċjant jew tal-aġent tiegħu, bħall-identità u l-assi tiegħu, il-kwalifiki, l-istatus, l-approvazzjoni, l-affiljazzjoni jew il-konnessjonijiet tiegħu u d-drittijiet tiegħu fuq proprjetà industrijali, kummerċjali jew intellettwali jew il-premji li ngħata u r-rikonoxximenti mogħtija lilu;
(vii) id-drittijiet tal-konsumatur, inkluż id-dritt ta'tiswija tibdil jew rimborż skont it-Taqsima IX tal-Att, jew ir-riskji li jista' jiffaċċa; jew

(ċ) fil-kuntest fattwali tagħha, meta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, hija tikkawża jew x'aktarx tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra, u tinvolvi:
(i) kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' prodott,inkluż reklamar komparattiv, li joħloq konfużjoni bejn kwalunkwe prodotti, trademarks, ismijiet kummerċjali u marki oħrajn distintivi ta' kompetitur; jew

(ii) nuqqas ta' konformità mill-kummerċjant mal-impenji kontenuti f'dawk il-kodiċijiet ta'kondotta li fuqhom il-kummerċjant impenja ruħu li jirregola lilu nnifsu, fejn –

(a) l-impenn mhux wieħed li jaspira iżda huwa sod u li jista' jiġi verifikat, u
(b)il-kummerċjant jindika fi prattika kummerċjali li huwa marbut mill-kodiċi.

51D.(1) Prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk:

(a) fil-kuntest fattwali tagħha, meta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha u l-limitazzjonijiet tal-mezz ta' komunikazzjoni, tħalli barra tagħrif importanti li l-konsumatur medju għandu bżonn, skont il-kuntest, sabiex jieħu deċiżjoni transazzjonali informata u għaldaqstant tikkawża li l-konsumatur medju jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra; jew

(b) ikkunsidrati l-fatti deskritti fil-paragrafu (a),kummerċjant jaħbi jew jipprovdi b'manjiera mhux ċara, mhux intelliġibbli, ambigwa u, jew mhux f'waqtha, dak it-tagħrif importanti msemmi f'dak il-paragrafu, jew jonqos milli jidentifika l-intenzjoni kummerċjali wara l-prattika kummerċjali jekk din matkunx diġà apparenti mill-kuntest u fejn, f'kull każ dintikkawża jew x'aktarx tikkawża li l-konsumatur medjujieġu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħuf'ċirkostanzi oħra.

(2) Fejn il-mezz użat sabiex tiġi kkomunikata l-prattika kummerċjali jimponi limitazzjonijiet ta' spazju jew ta' żmien,għandu jittieħed kont ta' dawn il-limitazzjonijiet u ta' kull miżura meħuda mill-kummerċjant sabiex jagħmel it-tagħrif disponibbli għall-konsumaturi permezz ta' mezzi oħra meta jiġi deċiż jekk xi tagħrif tħalliex barra.

(3) F'każ ta' stedina għax-xiri, it-tagħrif li ġej għandu jitqies bħala importanti, jekk ma jkunx diġà apparenti mill-kuntest:

(a) il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, safejn xieraq għall-mezz u l-prodott;

(b) l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant/a,bħall-isem kummerċjali tiegħu/tagħha u, fejn ikun applikabbli, l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant/a li f'ismu qiegħed jaġixxi;

(ċ) il-prezz inklużi t-taxxi, jew fejn in-natura tal-prodott tfisser li l-prezz ma jistax b'mod raġonevoli jiġi kalkolat minn qabel, il-mod li bih il-prezz hu kalkolat,kif ukoll, fejn ikun xieraq, kull ammont ta' ħlas addizzjonali għat-trasport ta' merkanzija, ħlas ta'kunsinna jew ħlas postali jew, fejn dawn l-ammonti ta'ħlas ma jistgħux jiġu raġonevolment kalkolati minnqabel, il-fatt li tali ammonti ta' ħlas addizzjonali jistgħu jkunu dovuti;

(d) l-arranġamenti għall-ħlas, il-kunsinna, l-eżekuzzjoni u għat-trattament tal-ilmenti, jekk dawn ma jikkonformawx mal-ħtiġiet tad-diliġenza professjonali;

(e) għal prodotti u transazzjonijiet li jinvolvu d-dritt ta'rtirar jew ta' kanċellazzjoni, l-eżistenza ta' dan id-dritt.

(4) Il-ħtiġiet ta' tagħrif stabbiliti mill-liġi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' komunikazzjonijiet kummerċjali inklużi r-reklamar jew il-kummerċjalizzazzjoni jitqiesu bħala importanti

51E.(1) Prattika kummerċjali għandha titqies bħala <u>aggressiva</u> jekk, fil-kuntest fattwali tagħha, meta jitqiesu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, permezz ta' fastidju, kostrizzjoni, inkluż l-użu tal-forza fiżika, jew ta' influwenza mhux xierqa, tfixkel b'mod sinifikanti jew x'aktarx tfixkel konsiderevolment il-libertà tal-għażla jew l-imġieba tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott u b'hekk tikkawża jew x'aktarx tikkawża li huwa jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra.

(2) Fid-determinazzjoni jekk prattika kummerċjali tużax il-fastidju, il-kostrizzjoni, inkluż l-użu tal-forza fiżika, jew l-influwenza mhux xierqa, għandhom jitqiesu dawn li ġejjin:

(a) iż-żmien, il-lok, in-natura u l-persistenza tagħha;

(b) l-użu tal-lingwaġġ użat jew l-imġieba ta' theddid jew abbużiv;

(ċ) l-isfruttament mill-kummerċjant ta' kwalunkwe sfortuna jew ċirkostanza speċifika ta' tali gravità litfixkel il-ġudizzju tal-konsumatur, li biha l-kummerċjant ikun jaf, sabiex jinfluwenza d-deċijoni tal-konsumatur fir-rigward tal-prodott;

(d) kwalunkwe ostakli mhux kontrattwali, onerużi jew sproporzjonati imposti mill-kummerċjant fejn konsumatur ikun jixtieq jeżerċita xi drittijiet mogħtija fil-kuntratt, inklużi d-drittijiet tat-tħassir tal-kuntratt jew tal-bidla għal prodott ieħor jew għal kummerċjant ieħor;

**(e) kwalunkwe theddida li tittieħed jew kull azzjoni li legalment ma tistax tittieħed. »**

18. Inoltre il-frażi "prattika kummerċjali" hija definita bħala:

> **« kwalunkwe att, omissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inklużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lill-konsumaturi kemm jekk iseħħ qabel, waqt jew wara t-transazzjoni kummerċjali in relazzjoni mal-prodott »**

19. Sfortunatament l-intimat ma' ressaq **l-ebda** prova ta' xi prattika kummerċjali min-naħa tar-rikorrenti meqjusa bħala inġusta, qarrieqa jew aggressiva skond il-liġi.

20. Fl-affidavit tiegħu l-intimat jalludi għall-fatt illi d-direttur tar-rikorrenti qatt ma' qallu li l-vettura ma' kienetx ħa ddur fuq ismu qabel ma' jħallas kollox u jgħid ukoll illi huwa ma' jafx jaqra bl-Ingliż u għalhekk qagħad fuq kliem l-istess direttur meta dan qallu li l-kuntratt kellu biss termini u kundizzjonijiet dwar kif kellu jsir il-ħlas. Jirreferi ukoll għal "theddid" li rċieva mill-istess direttur li ser jiftaħlu sekwestru l-Qorti jekk kien ser jibqa' ma' jħallasx. Issa apparti li l-Qorti assolutament ma' tqisx bħala kredibbli li l-intimat ma' kienx jaf li l-vettura mhux ser iddur fuq ismu mill-ewwel, il-Qorti xorta waħda ma' tarax kif dawn l-allegazzjonijiet jistgħu b'xi mod jinkwadraw taħt xi waħda mill-prattiċi kummerċjali mhux ġusti fuq msemmija. Lanqas m'huwa l-kompitu tal-Qorti illi tipprova taqta' dak li kellu f'moħħu l-intimat meta eċċepixxa dawn l-eċċezzjonijiet. L-intimat kellu l-oneru illi jressaq provi konklussivi f'dan ir-rigward u fin-nuqqas il-Qorti m'għandha ebda eżitazzjoni illi tiċħadhom *in toto.*

*L-eċċezzjonijiet tal-intimati – is-sitt u seba' eċċezzjonijiet*

21. Is-sitt eċċezzjoni hija dik li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħudha bħala infondata fil-fatt u fid-dritt. Kif ser jingħad ftit iżjed 'l quddiem il-Qorti tara li r-rikorrenti hija legalment korretta fl-għażla tal-azzjoni tagħha meta ġie infaċċata bl-inadempjenza tal-intimat. Għalhekk din l-eċċezzjoni ukoll ser tiġi miċħudha.

22. Is-seba' eċċezzjoni, ċioe dik illi l-intimat qed jirriserva illi jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri appena r-rikorrenti tindika x'għamlet bil-vettura mertu tal-kawża, ma' tistax tintlaqa' mill-Qorti peress li minnha nfisha hija biss riserva għal dritt ta' tressiq ta' eċċezzjonijiet ulterjuri. Fi kwalunkwe każ, wara li r-rikorrenti spjegat matul il-kors tal-kawża li l-vettura għadha fil-pussess tagħha, l-intimat għażel li ma' jressaq l-ebda eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**

23. Kif ingħad iżjed 'l fuq, meta l-intimat baqa' ma' ħallasx, avverat ruħha kundizzjoni riżoluttiva espressa fis-sens illi apparti t-terminazzjoni *ipso jure* tal-kuntratt (liema terminazzjoni pero xorta waħda teħtieġ l-aċċertament ġudizzjarju tal-Qorti), skatta d-dritt tar-rikorrenti li titlob ukoll il-pussess lura tal-vettura mingħand l-intimat. Inoltre r-rikorrenti ġiet intitolata ukoll (iżda mhux obbligata) li tbiegħ il-vettura u titlob id-differenza fir-rikavat mingħand l-intimat. Mill-provi rriżulta illi l-vettura baqgħet ma' nbiegħetx u li għada fil-pussess tal-kumpanija rikorrenti.

24. Il-kundizzjoni riżoluttiva espressa hija regolata mill-Artikoli 1066 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili. Ai termini tal-Art. 1067 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **« 1067. Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall ipso jure, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut. »**

25. L-effett tal-avveriment tal-kundizzjoni riżoluttiva **<u>salv għal dak li ser jintqal fil-paragrafu sussegwenti</u>** hija ukoll illi tpoġġi lill-partijiet fl-istess stat li kienu qabel ma' daħlu għall-ftehim (*status quo ante*) u dan ifisser illi ukoll illi l-prinċipju huwa li l-prezz imħallas jiġi rifuż lura filwaqt li l-oġġett mibjugħ, ossia' l-vettura, tirritorna lura lill-bejjiegħ. F'dan ir-rigward l-Art. 1066 tal-Kap. 16 jiddisponi kif ġej:

> **« 1066. (1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.**
>
> **(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva. »**

26. Madanakollu ai termini tal-Artikolu 1069 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **« 1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, <u>jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.</u>**
>
> **(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni. »**

27. Għalhekk ġaladarba l-kundizzjoni riżoluttiva f'dan il-każ hija marbuta man-nuqqas tal-intimat li jeffettwa l-ħlas tal-bilanċ, r-rikorrenti bħala l-bejjiegħ kellha kull dritt, kif filfatt qed tagħmel f'din il-kawża, illi **<u>mhux titlob ix-xoljiment tal-kuntratt</u>** iżda

li ġġiegħel lill-intimat jeżegwixxi l-obbligazzjoni li kellu jwettaq – ċioe l-ħlas lilha tal-bilanċ. Dan japplika ukoll nonostante li fil-ftehim innifsu hemm indikat illi l-kuntratt jiġi rexiss *ipso jure* f'każ tal-inadempjenza tax-xerrej. Ix-xoljiment *ipso jure* xorta waħda jeħtieġ l-aċċertament ġudizzjarju tal-Qorti u f'din il-kawża r-rikorrenti m'hijiex qed titlob ix-xoljiment tal-kuntratt.

28. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Lomags Limited v. George u Carmen Muscat** (App. Sup. 1459/2002/1, 28/03/2014) il-Qorti tal-Appell Superjuri qalet hekk:

> «*Jinsab ritenut fil-gurisprudenza, li hi regola generali li fil-kuntratti bilaterali l-inadempjenza kuntrattwali ma twassalx ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt, lanqas meta x-xoljiment ipso jure jkun espressament pattwit fl-istess ftehim, u sakemm ma jkunx hemm il-fuzjoni tal-kunsens taz-zewg partijiet ghat-terminazzjoni tal-kuntratt, ix-xoljiment ghandu dejjem jiġi ppronunzjat mill-Qorti (sottolinear u emfasi miżjuda). Il-fatt li t-terminazzjoni tal-kuntratt minhabba inadempjenza ta' xi parti tkun espressament pattwita ifisser biss li l-Qorti ma tistax taghti lill-parti inadempjenti zmien sabiex tissodisfa l-mora, imma hija marbuta li tiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt*[13] »

29. Kif diġa irriteniet riċentement fis-sentenza fl-ismijiet: **No Deposit Cars Malta Limited v. Braydon Pace** (QtM, 04/04/2022, Rik. Nru. 225/2019 VGA), il-Qorti hija ben konxja illi din il-Qorti diversement presjeduta u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili interpretaw il-kuntratt in kwistjoni b'mod differenti f'kawżi oħra miftuħa mill-istess kumpanija rikorrenti kontra persuni oħra. Il-pożizzjonijiet diversi jistgħu jiġu sinteżizzati fis-segwenti:

    - Dik illi talba għall-ħlas tal-bilanċ għandha tiġi miċħuda kemm il-darba r-rikorrenti tkun ħadet lura l-pussess tal-vettura (u ma' tkunx laħqet biegħet il-vettura lil terzi), u dan għaliex darba kun għamlet hekk il-kumpanija rikorrenti tkun trid l-ewwel tipproċedi bil-bejgħ bl-irkant tal-vettura taħt l-awtorita' tal-Qorti u wara tali rkant biss jkun jista' jiġi stabbilit il-bilanċ dovut mid-debitur. Dan l-insenjament insibuh per eżempju fis-sentenzi fl-ismijiet: **No Deposit Cars Malta Limited v. Seline Coleiro** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 223/2019 CG, 22/01/2021), **No Deposit Cars Malta Limited v. John Leonard Bellotti** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 268/2019

[13] Ara fost ohrajn: **Pio Gauci v. Joseph Cutajar** (Qorti Kummerċjali, 23/04/1989), **St.Andrews Farm Co. Ltd. v. Sultana Henry** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 26/04/2003), **Carmel Cutajar v. Joseph Grech** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 10/06/1965) u **Mark Borda v. Rafel Muscat** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23/05/1984)

CG, 22/03/2021) u **No Deposit Cars Malta Limited v. Samantha Bray** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 145/2019 CG, 30/09/2021);

- Dik illi talba għall-ħlas tal-bilanċ meta r-rikorrenti tkun ħadet lura l-pussess tal-vettura (u ma' tkunx laħqet biegħet il-vettura lil terzi) għandha tintlaqa' parzjalment fis-sens illi l-Qorti tordna il-bejgħ tal-vettura taħt l-awtorita' tagħha u tikkundanna lill-intimat jħallas d-differenza bejn is-somma mitluba u r-rikavat mill-bejgħ tal-vettura. Hekk għamlet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited v. Liviu Alexandru Maxim** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 226/2019 RM, 17/05/2021) u l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivil fis-sentenza fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited v. Kevin Alexander Rothig** (Qorti tal-Maġistrati, Rik. Nru. 26/2019 RGM, 31/10/2019).

30. Fir-rigward tal-ewwel posizzjoni, il-Qorti umilment tħoss illi skond il-ftehim in kwistjoni l-kumpanija rikorrenti hija **intitolata iżda mhux obbligata** illi tbiegħ il-vettura una volta din tieħu lura l-pussess tagħha.

31. Fir-rigward tat-tieni posizzjoni, il-Qorti umilment tara illi l-bejgħ b'subbasta tal-vettura ma' jkun la fl-interess tar-rikorrenti tenut kont id-dewmien u l-proċedimenti mtawwla, u lanqas fl-interess tal-intimat illi jista' faċilment jġib prezz aħjar tal-vettura jekk din tinbiegħ fis-suq.

32. Kif ġa intqal, il-fatt illi l-kumpanija tkun ħadet lura l-pussess tal-vettura ma' jġibx awtomatikament illi l-kuntratt ikun ġie xolt anke jekk dan jistipula b'mod espress it-terminazzjoni tiegħu *ipso jure.* La darba f'din il-kawża r-rikorrenti qed titlob il-ħlas tal-bilanċ u mhux ix-xoljiment tal-kuntratt għandu għalhekk japplika l-Artikolu 1069(1) tal-Kap. 16 billi l-Qorti tikkundanna lid-debitur jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu ta' ħlas **bid-dritt riservat lilu li jieħu lura l-pussess tal-vettura malli jsir dan il-ħlas.**

**Deċiżjoni**

33. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa t-talba tal-kumpanija rikorrenti b'dan li:**

    1. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' disat elef erba' mija u erbgħin euro (€ 9,440) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-vettura "Toyota Yaris A/T" bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 071 akkwistata mill-intimat permezz tal-kuntratt "*hire and purchase*" iffirmat bejn il-partijiet datat 30 ta' Marzu 2019, bl-imgħax legali**

**dekoribbli mid-data tal-notifika lilu tar-rikors promotur u bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontrih,**

2. **Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju ta’ tletin (30) ġurnata mill-effettiv pagament, f’ġurnata, ħin u lok miftehma mar-rikorrenti jieħu lura l-pussess tal-vettura b’dan ukoll illi r-rikorrenti għandha tiżgura illi ai termini tal-liġi teffettwa t-trasferiment relattiv mal-Awtorità’ għat-Transport f’Malta entro t-terminu preskritt mill-liġi.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur